# IL-KONTI RUGGIERU

*Li ġej huwa estratt minn ktejjeb stampat f'Awwissu ta' l-1893, ġentilment misluf minn Ġużeppi Spiteri u li kien publikat qabel il-Festa Nazzjonali fl'24 ta' Settembru, 1893.*

Fl-24 ta' Setemtbru tal-1893 gewwa r-Rabat saret l-ewwel festa lil-Konti Ruggieru.

Dak iz-zmien fis-sena 1090 kien qieghed jissemma guvni sabieh u sinjur jismu Konti Ruggieru u bin Tancredi d'Altavilla, Normannu wiehed minn dawk in-nies li mill-pajjiz tan-Nord kienu gew u qaghdu dik in-naha ta' Franza msejha 'Normandia'. Ragel valurus u li kien jaghmel akkwisti kbar u jissemma ma' l-Ewropa kollha mhux biss izda ma' pajjizi kbar ohra. Dam jikkumbatti mal-ghoxrin sena mas-Seracini. Kien jirbhilhom kull fejn kienu jahkmu u bosta minn nies jaqilbu mieghu u jsiru nsara. Gewwa Sqallija gie nkurunat bhala Kap bit-titolu ta' Re. Il-kuragg kbir lahqu fi stima kbira fost il-princpijiet. Wara Sqallija il-Konti Ruggieru gieh il-hsieb li jehles ukoll dawn il-gzejjer taghna. Il-Maltin saru jafu. Griet hin bla waqt l-ahbar mal-pajjiz kollu li f'Malta ghandu jasal dan is-Salvatur. Sar ftehim mal-kbarat taghna ta' dak iz-zmien. Kienet is-sena 1090. (Xi uhud jghidu li kien Lulju). Il-ferh kbir ma naqas fost il-Maltin u minn kull rokna ta' Malta rhewla lejn ix-xatt li jgib l-isem ta' "Migra il-Ferha", jigifieri "girja tal-ferh". Il-Konti Ruggieru nizel u milqugh mill-Kbarat fost l-ghajjat ta' ferh u ta' talb li bdew jghidu (bil-Grieg) Kirie Eleison jigifieri "Sinjur henn ghalina".

Il-Maltin ghaddew mit-triq taghhom il-kbira bl-izjed numru kbir ta' nsara f'Wied ir-Rum li jfisser Wied l-Insara. Skond il-Kotba ma jafux ezatt in-numru ta' nies li gab mieghu sabiex jikkombatti is-Seracini. Biss jafu li mieghu kellu tlettax il-Kavalier.

Is-Seracini li kienu mxerrdin ma' Malta kollha kif ukoll il-Qadi, Emir Maihmuni, (Kap tas-Seracini) ingabbru gewwa l-Imdina. Il-Konti Ruggieru bi qlubija l-izjed kbira harbat ghal kollox is-Seracini. Il-Konti Ruggieru ha l-hakma ta' dawn il-Gzejjer ghaliex il-Qadi siefer u telaq ghall-Barbarija u halla l-imfietah ta' l-Imdina lill-Kmand ta' dawn il-Gzejjer f'idejn il-Konti. Malli dan il-persunagg kbir sab ruhu sid tal-Gzejjer taghna migjub tajjeb mill-Maltin li sejhulu Re u Padrun ta' Malta, Huwa beda jahseb kif iqieghed ahjar il-poplu ta' din il-Gzira. Bosta mis-swar ta' l-Imdina ma kienux jiswew izjed u l-Konti ra li jissewwew mill-aktar fis.

Isqof ma kienx hawn. Huwa talab lil Papa, li kien Urbanu II sabiex jaghmel Isqof lis-sacerdot Gualtieri. Il-Papa accetta u Gualtieri sar Isqof ta' dawn il-Gzejjer. Huwa haseb ukoll ghar-renta. Tah raba f'Malta u fi Sqallija sabiex ikun jista' jzomm. Iffonda tlett Kanonkati, ta' l-Arcidjakono, tad-Dekan u tat-Tezorier. Il-Konti ghamel ligijiet sbieh kemm fi Sqallija kif ukoll f'Malta. Huwa taha l-Parlament taghha li n-nies ta' dak iz-zmien bdew isejhulu "il-Kunsill Popolari" maghmul mill-ahjar nies ta' dawn il-Gzejjer. Wara ghamel erba' Gurati li kienu jiehdu hsieb tal-provizzjonijiet tal-Gzira. Kien ghamel Kaptan bis-suldati li qew imqassma gewwa l-Imdina, Sant' Anglu u l-kumplament fit-Torri ta' Ghawdex.

Immela l-isbah tifkira li halla lil dawn il-gzejjer huwa l-privilegg ta' l-Istandard Malti iffurmat minn zewg faxxi, bajda u hamra mehudin mill-istandard tal-Arma Tieghu, dik il-Bandiera li ghadna nghozzuha sal-lum.

Il-Maltin garrbu ghali kbir meta l-Konti qal ser jitlaq u jsiefer. Kulhadd migbur u mdawwar mieghu, kulhadd isellimlu u jibkieh. Telaq ghall-Sqallija u

ha mieghu nsara barranin. Il-Konti dam hdax il-sena wara r-rebha ta' Malta. Mahbub u mfahhar min-nies kollha li kienu tahtu. Miet fl-10 ta' Lulju 1101 f'Mileto, Calabria wara 70 sena hajja. Il-Migja tal-Konti Ruggieru f'Malta ma ghandha tigi minsija qatt, ghax heles il-Gzejjer taghna mill-hruxija tas-Seracini fejn halla lil kulhadd fil-liberta' li jistqarr il-ligi u l-fidi ta' Kristu.

Din kienet ir-raguni li qanqlet il-qlub ta' hafna Rabtin li jaghmlu ta' kull sena Festa Nazzjonali lil dan il-Konti Ruggieru b'turiha xierqa tal-helsien taghhom mill-qilla tas-Seracini.

Ghalhekk wara l-akbar thabrik ta' bosta uhud li kellhom demmhom jbaqbaq ghall-isem ta' dan il-Valorus, iddestinaw li fir-raba' Hadd ta' Settembru issir Festa Nazzjonali f'gieh IL-KONTI RUGGIERU li ghal dan il-ghan twaqqaf Kumitat maghmul minn dawn is-Sinjuri:-

| | | |
|---|---|---|
| Prottettur tal-Festa | — | L-Onor: Nobbli G. Carlo dei Marchesi Mallia Tabone, |
| President | — | l-Avukat Agostino Naudi, |
| Vici President | — | l-Avukat Anneto Montanaro, |
| Segretarju | — | Il-Gentlom Pawlu Giorg Falzon, |
| Vici-Segretarju | — | Is-Sur Alessandro Micallef, |
| Kaxxier | — | Is-Sur Pawl Borg, |
| Depositarju | — | Is-Sur Pawl Farrugia, |
| Revisur tal-Kontijiet | — | Is-Sur Aurelio Camilleri, |
| Kap tal-Kontijiet | — | Is-Sur Francesco Xuereb, |
| Diretturi | — | Is-Sinjuri Carmelo Ebejer u Guzeppi Camilleri |

## Membri:

L-Arcipriet Don Gius. Salnitro D.D. — il-Kan. Collegg: Dun Pietru Paul Xuereb. — Dun Giorgio Vassallo D.D. — il-Cav. s-Sinjuri Franc Pace — Federico Mom-Calcidonio Bugeja — Carmel Spiteri — Francesco Busuttil.
kien il-Can: Coll: Dun Gwan Micallef ktejjeb fuq il-Migja tal-Konti Ruggieru zewg Innijiet irrangati ghal Banda mis-il-Kanonku Penitenzjier E. Ebejer D.D. —

— In-Nob: Dun Giuzepp Manduca D.D. E.L. Galizia — In-Nob: A.B. Sant — u palao De Piro — Francesco Spiteri — Antonio Sapiano — Gius: Ciangura u
Wiehed habib taghna mir-Rabat (li D.D.) kif sema li ser jinhareg dan il-f'Malta talab li fih jingiebu Innijiet irrangati ghal Banda mis-Surmast Anton E. Agius.

## X'SAR FIL-FESTA

Nhar il-Hadd 24 ta' Settembru, 1893, fis-7 ta' filghodu, li Statwa tal-KONTI RUGGIERU ittiehdet bil-Banda u giet imqieghda fuq pedistal fuq is-Saqqaija.

Fid-9 daru bil-Banda l-palijiet tat-tigrija mar-Rabat. F'nofsinhar, wara salbut maskli bhala salut, il-Banda Konti Ruggieru daret mat-toroq tar-Rabat iddoqq l-innijiet kantati mit-tfal.

Wara nofsinhar il-Banda Conti Ruggieru daqqet Programm ta' muzika u regghu tkantaw l-innijiet mit-tfal fuq il-palk taghha.

Il-Pjazza tas-Saqqajia kienet illuminata u imzejna b'fanali kuluriti migjubin mill-Germanja mill-Baruni Van Tucher Konslu ghal Malta u President tal-Kazin San Pawl u Banda Konti Ruggieru. Fil-10 ta' fil-ghaxija beda l-loghob tan-nar u sparar tal-maskli.

*CHARLES GRECH*